MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 298/2011

**Alert Communications Limited**

**vs**

**Dipons Company Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Settembru 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' hamest elef u sitta u hamsin Euro, tletin centezmu (€5,056.30) rapprezentanti l-bilanc ta' xoghol ghall bandwidth lokali u internazzjonali, rack space, SSL Certificate u ghall-kiri ta' dedicated server, kif jidher fil fatturi annessi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta li hija ingunta in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lis-socjeta konvenuta fit-30 ta' Settembru 2011.

Illi fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2011 is-socjeta' konvenuta, rappresentata minn Simon Barwani, ammettiet it-talbiet kif dedotti fl-avviz mis-socjeta attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta jaqra n-nota t'ammissjoni tas-socjeta konvenuta, issib li t-talba ta'l-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef u sitta u hamsin Euro, tletin centezmu (€5,056.30) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta konvenuta kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------